## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 155/2019: **ATLAS INSURANCE PCC LIMITED (C5601) KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TAL-ASSIKURAT TAGĦHA MARK ANTHONY CAMILLERI U L-ISTESS MARK ANTHONY CAMILLERI (KI. 505461M) V. KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA, KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TAL-ILMA U B'DIGRIET TAT-12 TA' ĠUNJU 2023 ĠIET KJAMATA IN KAWŻA POLIDANO BROTHERS LIMITED (C8884)**

(KOPJA INFORMALI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**8 ta' April 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Atlas Insurance PCC Limited u Mark Anthony Camilleri (flimkien msejjħa "ir-rikorrenti") ippreżentat fit-22 ta' Lulju 2019[1] li permezz tiegħu talbu lil Kunsill Lokali Birkirkara (msejjaħ "il-Kunsill intimat") u lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (msejjħa "il-Korporazzjoni intimata") sabiex jidhru fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħidu 'l għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati:

Thallsu is-somma komplessiva ta' tmien telef disa' mija tlieta u erbghin ewro erbgha u sebghin centezmu (€8,943.74) [€8,743.74 lil Atlas Insurance PCC Limited u €200 lil Mark Anthony Camilleri] in linea ta' danni minnkom, jew min minnkom, ikkagunati u sborsati mill-mittenti in segwitu ghal incident illi sehh fis-7 ta' Ottubru 2016, fi Sqaq il-Ghogla, Birkirkara **[Dok. A]**, meta waqt li l-mittent Mark Anthony Camilleri kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MIT 010, appartjenenti lilu, sab parti mit-*tarmac* maqlugh fl-imsemmija triq kif ukoll tappiera esposta minghajr ebda senjalazzjoni, ghal liema nuqqasijiet intom, jew min minnkom, kontu unikament responsabbli.

[1] Fol 1

Isegwi ghalhekk li intom, jew min minnkom, kontu tahtu unikament ghal dan l-incident u ghad-danni hekk subiti u dan minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti, bi ksur tal-Artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-28 ta' Marzu 2017, dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Lulju 2018, u bl-imghax legali b'effett mit-13 ta' Lulju 2018 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.

wara li rat ir-risposta tal-Korporazzjoni intimata ippreżentata fl-4 ta' Ottubru 2019[2] li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

1. Illi in linea preliminari, jiġi eċċepit illi l-azzjoni attriċi hija preskritta a bażi tal-preskrizzjoni bijennali ai termini tal-**Artikolu 2153** tal-**Kodiċi Ċivili**, u dan stante li hi qatt ma ġiet debitament notifikata bl-atti ġudizzjarji indikati mir-rikorrenti;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, u wkoll fuq bażi preliminari, il-Korporazzjoni konvenuta tirrileva li hi mhix il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri stante li hi mhix responsabbli għall-manutenzjoni ta' toroq residenzjali bħal ma hu Sqaq il-Għoġla illi allegatament fih seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri;

3. Illi wkoll a bażi ta' linea preliminari, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Korporazzjoni konvenuta tirrileva li hi mhix il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri stante li hi ma wettqet ebda xogħolijiet f'Sqaq il-Għoġla tul dawn l-aħħar snin. In oltre, a skans ta' indikazzjoni ċara tat-tappiera illi allegatament ġiet esposta u li hija mertu ta' l-inċident in kwistjoni, l-Korporazzjoni mhix f'pożizzjoni li tindika min hu il-leġittmu kontradittur li jista' jkun responsabbli minn din it-tappiera;

4. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għal fuq premess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-inċident ma seħħx minħabba xi ħtija tal-Korporazzjoni esponenti;

wara li rat li fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2019 il-Korporazzjoni intimata irtirat l-eċċezzjoni preliminari ta' preskrizzjoni,

wara li rat ir-risposta tal-Kunsill intimat ippreżentata fit-22 ta' Ottubru 2019[3] li permezz tagħha wieġeb kif ġej:

Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-esponenti mhux il-leġittimu kontradittur stante li t-tappiera in kwistjoni hija propjeta tal-konvenuta l-oħra.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost il-Kunsill esponenti ħa dawk il-miżuri kollha neċessarji sabiex jillimita u jimminimizza l-perikolu stante li l-istess Kunsill interpella kemm-il darba lill-konvenut l-ieħor sabiex jieħu l-prekawzjonijiet kollha sabiex jitneħħa kwalunkwe perikolu.

---

[2] Fol 12
[3] Fol 18

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ma hu dovut l-ebda kumpens għas-surroga favur l-assigurazzjoni stante li Mark Anthony Camilleri seta faċilment intavola dawn il-proċeduri huwa stess mingħajr ma jinvolvi terzi.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

wara li rat li fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2023 il-Qorti laqgħet it-talba tal-Korporazzjoni intimata sabiex tiġi kjamata in kawża l-kumpanija Polidano Brothers Limited (msejjħa "l-kjamata in kawża")[4],

wara li rat ir-risposta li ġiet ippreżentata mill-kjamata in kawża fil-5 ta' Ottubru 2023 li permezz tagħha wieġbet kif ġej:

1. Illi fl-aħħar udjenza tal-kawza odjerna, l-intimata Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma talbet il-kjamat in kawza tas-socjeta' esponenti, bhala s-socjeta' li allegatament kienet qed taghmel xi xoghlijiet fit-triq in kwistjoni fil-perjodu meta sehh l-incident mertu tal-kawza;

2. Illi in linea preliminari, jigi eccepit illi kwalunkwe azzjoni kontra l-esponenti fir-rigward tal-incident in kwistjoni hija preskritta a bazi tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, u dan stante illi mis-sena elfejn u sittax (2016) hi qatt ma giet debitament notifikata b'atti gudizzjarji li setghu qatt jinterrompu l-preskrizzjoni fil-konfront taghha mill-ebda waħda mill-partijiet, u wisq inqas mill-attrici, u l-anqas ma jirrizulta xi interruzzjoni ta' kwaliasi xorta oħra ta' terminu preskrittiv;

3. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju għas-suespost, it-talbiet attrici, kif ukoll l-allegazzjoni tal-Korporazzjoni intimata illi l-incident u d-danni subiti mill-atturi gew ikkawzati minn xi nuqqasijiet min-naha tas-socjeta' esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jispetta lilhom illi igibu prova tal-fatti u danni allegati minnhom.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-partijiet kollha l-oħra u b'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-esponenti fil-liġi.

wara li rat li fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2023 il-Qorti ddiferiet il-kawża sabiex il-partijiet jressqu l-provi tagħhom u jittrattaw dwar l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-kjamata in kawża,

wara li semgħet ix-xhieda, qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom u rat id-dokumenti esebiti fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni,

wara li rat li fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2024 il-partijiet kollha qablu li l-Qorti tista' tgħaddi għas-sentenza parzjali fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-kjamata in kawża,

qed tagħti din is-

## Sentenza parzjali

1. F'din il-kawża r-rikorrenti qed jitolbu lill-intimati jew min minnhom jiġu kkundannati iħallsuhom kwantu għas-somma ta' €8,743.74 lil Atlas Insurance PCC Limited u

[4] Fol 153

kwantu għas-somma ta' €200 lil Mark Anthony Camilleri in linea ta' danni kkaġunati mill-intimati jew min minnhom u sborsati mir-rikorrenti wara inċident awtomobilistiku illi seħħ fis-7 ta' Ottubru 2016, fi Sqaq il-Għoġla, Birkirkara.

2. Il-Kunsill intimat u l-Korporazzjoni intimata qegħdin jopponu għat-talbiet tar-rikorrenti għal raġunijiet varji li però mhumiex l-iskop ta' din is-sentenza parzjali.

3. Li tikkonċerna l-Qorti f'dan l-istadju hija eċċezzjoni ta' preskrizzjoni li ġiet sollevata mill-kumpanija kjamata in kawża fir-risposta tagħha wara li din kienet ġiet imsejjħa fil-ġudizzju fit-12 ta' Ġunju 2023.

4. L-eċċezzjoni mressqa mill-kjamata in kawża hija fis-sens illi t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tagħha huma preskritti bid-dekors ta' sentejn ai termini tal-Art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta peress illi skond hi mill-2016 qatt ma ġiet notifikata b'atti ġudizzjarji mir-rikorrenti u lanqas ma avveraw ruħhom xi atti oħra li setgħu jinterrompu l-preskrizzjoni.

5. Skond l-Artikolu 730 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, eċċezzjoni ta' preskrizzjoni għandha tiġi deċiża b'kap għaliha, qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu. Stante illi l-akkoljiment ta' eċċezzjoni ta' din in-natura għandha bħala effett tagħha l-estinzjoni tal-proċeduri, jagħmel sens għall-ekonomija tal-ġudizzju li din il-Qorti tiddeċiedi fuqha qabel ma' tisma l-provi fuq il-mertu tal-istess kjamata in kawża.

6. L-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili invokat mill-kjamata in kawża jaqra kif ġej:

> **'2153. L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.'**

7. Il-preskrizzjoni hija mezz li permezz tagħha jista' jiġi akkwistat dritt jew inkella jintilef dritt t'azzjoni meta l-kreditur ma jkunx eżerċita l-jedd tieghu għaż-żmien li tgħid il-liġi. Il-periodu preskrittiv iżda jista` jiġi interrott jew sospiż u inoltre meta dan ikun iddekorra jista` jkun hemm rinunzja, kemm espressa kif ukoll taċita, għall-effetti ta' dik il-preskrizzjoni b'mod li d-dritt hekk mitluf jiġi ravvivat[5].

8. Il-Kodiċi Ċivili fl-artikolu 2127 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi x' inhuma ċ-ċirkostanzi li permezz tagħhom jista' jinkiser it-terminu tal-preskrizzjoni u dawn jinkludu *inter alia*:

- It-talba bl-att ġudizzjarju nnotifikat lid-debitur (Artikolu 2128 tal-Kap. 16)[6].

---

[5] **<u>Albert Mizzi noe. v. John Mousu pro. et. noe.</u>** (16/04/2004, Appell Ċivili Numru. 1062/1989/1)

[6] **2128. Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom**

- L-għarfien tal-jedd tal-parti li kontra tagħha hu għaddej iż-żmien tal-preskrizzjoni (Artikolu 2133 tal-Kap. 16)[7] .

- Il-ħlas akkont (Artikolu 2134 tal-Kap. 16)[8].

9. Fil-każ in eżami, minkejja li l-kawża ġiet intavolata fit-22 ta' Lulju 2019 kien biss fit-12 ta' Ġunju 2023, fl-istadju tal-provi tal-Korporazzjoni intimata, illi ssemmiet għall-ewwel darba (bħala dikjarazzjoni verbalizzata tal-avukat tagħha) l-kumpanija Polidano Brothers Limited u ċioe illi din kienet qed tagħmel xi xogħolijiet bħala kuntrattur fuq inkarigu tal-Korporazzjoni intimata fi Sqaq il-Għoġla, Birkirkara. Minħabba f'hekk il-Korporazzjoni intimata talbet li tiġi kjamata in kawża l-istess Polidano Brothers Limited. Ir-rikorrenti min-naħa tagħhom oġġezzjonaw stante illi fil-fehma tagħhom ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejnhom u din il-kumpanija. Il-Qorti fl-istess seduta ordnat li tiġi kjamata in kawża din il-kumpanija billi dehrilha illi ġaladarba l-kawża ġiet imposta fuq azzjoni għal danni akwiljani ma setax jiġi eskluż illi għal dawn id-danni hija responsabbli Polidano Brothers Limited.

10. Il-kumpanija kjamata in kawża ġiet notifikata fit-22 ta' Ġunju 2023 u intavolat ir-risposta tagħha fil-5 ta' Ottubru 2023.

11. Il-Korporazzjoni intimata elaborat fuq l-allegat involviment tal-kjamat in kawża billi *inter alia* esebit fis-seduta sussegwenti l-*affidavit* tal-Inġinier **<u>Nicole Vassallo</u>**[9] Minn dan l-*affidavit* joħroġ illi mir-riċerki li wettqet l-istess Inġinier (bħala Manager fi ħdan il-*Projects Office* tal-Korporazzjoni intimata) irriżultalha illi:

> "x-xogħolijiet relatati mal-Korporazzjoni li kienu qegħdin isiru fil-perjodu u fl-inħawi li fihom seħħ l-allegat inċident in kwistjoni, ċioe fis-7 ta' Ottubru 2016 ġewwa Sqaq il-Għoġla f'Birkirkara, kienu x-xogħolijiet imwettqa minn Polidano Brothers Ltd fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt bl-isem "Trenching and Pipe Laying Works – Ta' Qali – Sliema, using environmentally sound Construction Materials and Methods', bin-numru ta' riferenza CT 3188/2013"

12. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>Muhiddin Ahmed Ibro v. Greenlines Environmental Limited et.</u>** (PA, 10/01/2022, Rik 546/09 TA):

> "Fil-każ ta' kjamat in kawża, biex interruzzjoni jew sospensjoni tal-preskrizzjoni tkun effettiva huwa meħtieġ li l-kjamat ikun notifikat bid-digriet tal-kjamata u l-atti tal-Kawża (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) per Maġ. Marsenne Farrugia tat-30 ta' Ġunju 2021 fl-ismijiet Middlesea Insurance plc -vs -Carmen Mizzi et**). Il-Qorti tfakkar, li l-kjamat in kawża jitqies

[7] **2133. Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja**
[8] **2134. Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi ħlas akkont tad-dejn, magħmul mid-debitur innifsu jew minn wieħed li jkun jidher għalih.**
[9] Fol 160-161. Din ix-xhud ġiet prodotta ukoll bħala xhieda tal-kjamata in kawża fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2024.

bħala parti għall-Kawża anke jekk fil-mument tal-introduzzjoni tagħha ma kienx parti oriġinali għaliha."

13. Fit-18 ta' Diċembru 2023 ġiet ippreżentata nota mir-rikorrenti (u minn Sean Camilleri) illi permezz tagħha kkonfermaw illi:

    "ma kien hemm ebda kommunikazzjoni mas-soċjeta Polidano Brothers Limited fir-rigward tal-inċident mertu tal-kawża fl-ismijiet premessi"

14. Jirriżulta filfatt mill-atti illi l-unika att ġudizzjarju li ġie intavolat mir-rikorrenti fir-rigward tal-pretensjonijiet dedotti fil-kawża kienet l-ittra uffiċjali bin-numru 2208/2018 illi ġiet intavolata fit-13 ta' Lulju 2018 kontra l-Awtorita għat-Trasport f'Malta, l-Kunsill Lokali Birkirkara u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma[10].

15. Mill-atti ma jirriżultax illi kien hemm xi għarfien ossia rikonoxximent min-naħa tal-kjamata in kawża tal-jeddijiet pretiżi mir-rikorrenti u lanqas li sar xi ħlas akkont jew li b'xi mod kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

16. Għalhekk jidher ċar illi bejn id-data tal-inċident tas-7 ta' Ottubru 2016 u d-data li l-kjamata in kawża ġiet notifikata bl-atti u bid-digriet tal-Qorti, ossia t-22 ta' Ġunju 2023, laħqu ddekorrew ferm iktar mis-sentejn kontemplati fl-Art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Deċiżjoni**

**17. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni (abbażi tal-Art. 2153 tal-Kap. 16) sollevata mill-kjamata in kawża u tordna l-prosegwiment tal-kawża fuq il-mertu fil-konfront tal-intimati l-oħra. L-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mill-Korporazzjoni intimata.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |

[10] Fol 20